MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 316/2007

**George Xuereb**

**vs**

**Joseph u Georgina sive Gina Saliba**

**Il-Qorti:-**

Rat r-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Settembru 2007 ippremetta li:-

"*1. Permezz ta' rikors intavolat quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 t'Awwissu 2007, l-intimat George Xuereb talab il-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti abbazi ta' allegat titolu ezekuttiv a tenur tal-Artikolu 166A skond ittra ezekuttiva annessa mal-istess rikors datat 27 ta' April 2007.*

*2. Illi din l-Onorabbli Qorti akkordat it-talba ta' l-intimat George Xuereb permezz ta' digriet ta' l-istess Qorti tas-12 ta' Awwissu 2007.*

*3. Illi l-Mandat ta' Qbid de quo gie debitament esegwit fil-fond 'Carmen Bakery', St Elena, Triq il-Qroll, Zurrieq.*

*4. Illi l-esponenti jixtiequ li din l-Onorabbli Qorti, jghogobha thassar l-att ezekuttiv in kwistjoni minhabba diversi ragunijiet.*

*5. Illi fl-ewwel lok jigi rilevatli fl-ittra ufficcjali annessa mal-Mandat ta' Qbid numru 2129/07 jirrizulta li l-pretensjoni tal-mittenti George Xuereb kienet "Is-somma ta' Lm5000 (hamest elef lira maltin) liema somma hija rapprezentanti arrikament indebitu da parti tal-mittenti fil-konfront taghhom."*

*6. Illi ex admissis, mid-dikjarazzjoni guramentata tal-allegat kreditur George Xuereb, l-ammont minnu pretiz, jirrapprezenta arrikiment indebitu da parti tieghu. In kwantu l-istess somma tirrapprezenta arrikament indebitu dan il-kreditu qatt ma setgha jigi sanzjonat mill-ligi in kwantu jikkositiitwxxi kawza llecita ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Din it-tezi hija sorretta mill-fatt li l-Qrati taghna u l-ligi nostrana jirrikonoxxu d-dritt t'azzjoni ta' rkupru ta' somom akkwiziti minn xi parti meta tali somom jikkostitwixxu arrikament indebitu. Ghaldaqstant l-att gudizzjarjru li abbazi tieghu l-intimat George Xuereb qieghed jibbaza l-allegat titolu ezekuttiv ottenut minnu, huwa null u bla effett fil-ligi w ghaldaqstant kull att sussegwentement ghal tali att, huwa per konsegwenza null u bla effett fil-ligi.*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficcjali tas-27 ta' April 2007 li abbazi taghha l-intimat George Xuereb qieghed jivvanta titolu ezekuttiv hija null u bla effett fil-ligi 'n kwantu l-istess ittra ma tissodisfax ir-rekwiziti rikjesti ad validitatem mill-Artikolu 166A (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:-*

*‘L-ittra ufficcjali ghandu jkun fiha taht piena ta’ nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum minn mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficcjali billi jipprezenta nota fl-atti ta’ dik l-ittra ufficcjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista tigi iffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta’ firma ta’ Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficcjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv.’ U ghaldaqstant kull att naxxenti mill-istess huwa null u bla effett fil-ligi.*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ittra ufficcjali tas-27 ta’ April 2007 li abbazi taghha l-intimat George Xuereb qieghed jivvanta titolu ezekuttiv, hija nulla u bla effett fil-ligi ‘n kwantu l-istess ittra ma tissodisfax ir-rekwiziti rikjesti mil-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta ‘n kwantu l-ammont reklamat ma huwiex dejn li hu cert, likwidu u li ghalaq. Fl-istess ittra minn imkien ma jirrizulta zmien li ghalih jirrisali tali kreditu u lanqa ma hemm indikazzjoni jew prova dwar ic-certezza tal-istess kreditu. L-istess ittra hija ghalhekk kolpita minn nullita kkontemplata fl-**artikolu 166A (2)** u kwindi, kull att naxxenti mill-istess, huwa null u bla effett fil-ligi.*

*9. Illi kif jirrizulta mill-elenku tal-affarijiet maqbuda mill-Marixxal inkarigat minn gewwa l-fond tal-ezekuzzjoni, l-affarijiet hekk maqbuda, ma setghu qatt jinqabdu permezz ta’ Mandat ta’ Qbid in kwantu dawn jinkwadraw ruhhom entro d-disposizjoni tal-**Artikolu 304 (a) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta’ Malta.”*

Ghaldaqstant talab:-

*“Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla l-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv numru 2129/2007 w in kwantu tali tirrevoka contrario imperio d-digriet tas-17 ta’ Awwissu 2007 ghal hrug tal-istess Mandat u dana taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.”*

Rat r-risposta ta' George Xuereb ippresentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2007(fol. 14 et seq) fejn ippremetta s-segwenti:-

"*Illi preliminarjament ir-rikors intavolat mill-konjugi Saliba huwa wiehed null w irritu intiz biss sabiex jivvessa lill-esponenti fl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li huwa ghandu fil-konfront tal-konjugi Saliba.*

*Illi l-esponenti primarjament jixtieq jirrileva li r-rgunijiet avvanzati fir-rikors tal-konjugi Saliba huma guridikament inammissibbli f'dan l-istadju u dan stante l-fatt li l-istess konjugi Saliba wara l-ewwel tentattiv ta' notifika li kien negattiv, huma gew debitament notifikati bl-att gudizzjajru, u tali notifika saret fis-6 ta' Lulju 2007 kif jirrizulta mill-pink card annessa ma dan l-att.*

*Illi 'n vista tan-notifika posittiva rizultanti mill-istess atti, l-konjugi Saliba kellhom tletin gurnata cans sabiex jivvanzaw l-opposizzjoni taghhom ghal pretensjoni tal-esponenti, haga li huma naqsu li jaghmlu u proceduralment l-att gudizzjarju datat 27 ta' April 2007 gie rez ezekuttiv fil-konfront taghhom wara t-terminu ta' tletin gurnata preskritt mill-ligi.*

*Illi l-esponenti kategorikament jichad li l-ittra ufficcjali datata 27 ta' April 2007 hija nulla u bla effett fil-ligi u dan stante li kuntrarjament ghal dak l-espost f'paragrafu '7' tar-rikors tal-konjugi Saliba, l-istess ittra ufficcjali tikkontjeni intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum minn notifika, l-istess ittra tigi reza ezekuttiva, u dan l-fatt jirrizulta ukoll mill-istess ittra ufficcjali taht l-* ***Artikolu 166A*** *datata 27 ta' April 2007 prezentata 'n atti.*

*Illi l-esponenti senjatament jghamel refernza ghas-* ***subartikolu (4) ta' L-Artikolu 166A jistpula*** *li:-*

***"Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum minn notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss t-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficcjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu***

***ezekuttiv bhalikieku dik l-ittra ufficcjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).***"

*Certament hawnhekk ma huwiex kaz li l-konjugi Saliba qieghdin jattakkaw b'xi mod il-validita tan-notifika tal-ittra ufficcjali that l-artikolu 166A, datata 27 ta' April 2007 u huwa ghal kollox skorett li f'dan l-istadju, l-konjugi Saliba qieghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti thassar, tirrevoka u tannulla l-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 2129/3007 w in kwantu tali tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha datat 17 ta' Awwissu 2007 ghal hrug tal-istess Mandat. Hawnhekk, l-esponenti jaghmel ukoll referenza ghas-sub artikolu (5) u (6) tal-istess Artikolu 166A tal-Kap 12li jistipulaw li:-*

*"(5)* ***Titolu esekuttiv li jinkiseb skond id-disposizjonijiet ta' dan l-artikolu dejjem jekk ma jkunx hemm opposizzjoni minn naha tad-debitur, ghandu jigi rixess u ddikjarat null ubla effett jekk meta issir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz li tigi prezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi Mandat Ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta.***"

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1) (2) jew (3).*

*B'dan illi dan ir-rikors ghandu jigi appuntat ghas-smigh fi zmien gimghatejn.*

*Il-ligi hija cara f'dan il-kaz, tant li tispecifika ad verbatim li sabiex tigi dikjarata nulla u bla effett ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A, tali talba ghandha tigi prezentata permezz ta' rikors li ghandu jigi prezentat fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi Mandat Ezekuttiv jew xi att gudizzjajru iehor imsejjes fuq dak it-titolu. Fil-kaz odjern, dan ma sehhx, tant li r-rikors odjern tal-konjugi Saliba gie prezentat fl-24 ta' Settembru 2007 ferm oltre t-terminu ta ghoxrin jum minn notifika tal-Mandat Ezekuttiv,*

*li d-digriet tieghu huwa datat 17 ta' Awwissu 2007. Ghalhekk wiehed ma jistax issa f'dan –istadju inoltrat tal-proceduri jitlob nullita ta' att gudizzjarju debitament notifikat u konformi mal-kweziti kollha tal-ligi fuq pretensjonijiet li l-konjugi Saliba kellhom t-terminu preskritt mill-ligi sabiex javvanzawhomx izda li huma naqsu li jaghmlu dan.*

*F'dan il-kaz huwa krucjali u determinant li jigi kkwotat is-sub artikolu (6) tal-Artikolu 166A li jispecifika s-segwenti:-*

*"(6)* ***Ebda opposizjoni hlief dik li hemm specifikament provdut dwarha fis-sub artikolu (5) m'ghandha twaqqaf il-hrug jew l-ezekuzzjoni ta' xi att ezekuttiv li jinkiseb taht dak is-sub artikolu jew il-hlas tar-rikavat ta' xi Mandat jew biegh b'irkant li jsir konformement ma dan****."*

*Inoltre u minghajr pregudizzju ghal premess, ma huwiex applikabbli l-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ikkwotat mill-konjugi Saliba u dan stante li l-Artikolu applikabbli tal-ligi f'dan il-kaz, huwa l-Artikolu 12.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, huwa inekvivokabilment car li t-talba kontenuta fir-rikors tal-konjugi Saliba, hija wahda irrita u null, w in oltre f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri, hija ntiza solidament sabiex tivessa lill-esponenti mit-titolu ezekutiv li huwa ghandu fil-konfront taghhom u min issa l-esponenti qieghed jirriserva d-dritt tieghu li jfittex lill-konjugi Saliba ghad-danni li qieghed isofri minhabba l-agir taghhom fil-prolungar inutli ta' dawn il-proceduri."*

Rat id-digriet taghha tas-sebgha (7) t'Ottubru 2007 fejn cahdet it-talba rikorrenti. (fol. 14).

Rat r-rikors ta' Joseph u Georgina sive Gina Saliba ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hmistax (15) t'Ottubru 2007 (fol. 15) fejn ai termini tal-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta espona li:

"1.Illi l-esponent gew a konoxxenza tal-fatti li nhhar s-sebgha (7) t'Ottubru 2007, din l-Onorabbli Qorti kif preseduta kienet tat digriet fejn cahdet t-talbiet tal-esponenti kif esposti f'rikors intavolat minnhom nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 2007;

2 Illi umilment l-esponenti jirrilevaw li l-procedura addotata minn din l-Onorabbli Qorti hija wahda irrita u dan stante li ai termini tal-artikolu 283A, li a bazi tieghu gie ntavolat r-rikors promotur, din l-Onorabbli Qorti kellha tappunta r-rikors ghas-smiegh entro sitt ijiem u d-digriet finali taghha ghandu jinghata fil-Qorti bil-miftuh, liema procedura ma gietx osservata;

3 Illi in oltre, d-data tas-sebgha (7) t'Ottubru 2007 indikat fuq d-digriet in kwistjoni kienet il-gurnata tal-Hadd;

4 Illi ghalhekk, d-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti huwa null w invalidu ai fini u l-effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tirrikjama quddiemha r-rikors promotur fl-ismijiet premessi;

2. Tappunta l-istess rikors ghas-smiegh;

3. Thassar u tirrevoka d-digriet taghha tas-sebgha (7) t'Ottubru 2007;

4. Tisma lil partijiet;

5. Tiddisponi mir-rikors promotur skond d-disposizzjonijiet tal-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew kif trid il-ligi u dan taht dawk l-pattijiet u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat r-rikors ta' Joseph u Georgina sive Gina Saliba ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'Ottubru 2007 (fol. 21) fejn ai termini tal-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta espona li:

"1.Illi waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid ezekuttiv numru 2113/07 fl-ismijiet hawn fuq premessi, il-Marixxal inkarigat minn tali ezekuzzjoi, hatar kunnsinnatarju sabiex jiehu f'idejh il-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni DAN 122 u BAB 677, liema vetturi kellhom jinzammu garaxxjati gewwa l-fond 50, Triq Antonio Muscat Fenech, San Gwann;

2. Illi l-esponent gew notifikati bi tmien tahrikiet fuq avviz ta' kontravenjoni tal-Gwardjani Lokali (Vera Kopja tal-istess hawn annessi w immarkati bhala Do. JS 1 sa Dok. JS 8) mill-liema tahrikiet jirrizulta li l-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DAN 122 fi zminijiet differenti wara li l-istess ghaddiet f'idejn l-kunsinnatarju appuntat u f'hinijiet differenti tal-gurnata, kienet f'postijiet differenti minn dak fejn suppost kienet qed tigi mizmuma din il-vettura;

3. Illi jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni ta' dawn il-fatti u tistharreg l-istess filwaqt li taghti dawk il-provvedimenti mehtiega ghall-ahjar konservzazzjoni tal-assi maqbuda;

4. Illi ghalhekk l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-fakulta koncessa lilhom a tenur tal-artikolu 292(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha a tenur tal-artikolu 292(3) et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, taghti dawk l-ordnijiet li tista tqies mehtiega dwar il-kunsinnatarju maghduda s-sostituzzjoni tieghu u taghti dawk d-direttivi kollha li tqis xierqa ghal kustodja ahjar tal-hwejjeg maqbuda u dan taht dawk l-pattijiet u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat r-risposta tal-kunsinnatarju Leonard Seisun ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa (5) ta' Novembru 2007 (fol. 33) fejn espona:

"1. Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva li huwa qieghed jintavola din r-risposta guramentata u qieghed jesponi l-fatti kollha;

2. Illi l-esponenti wara l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid surriferit u wara li l-vetturi ndikati fl-istess mandat gew maqbuda, ma saq jew caqlaq l-istess vetturi liema vetturi jinsabu debitament konservati fil-garaxx enumerat 50, Triq Antonio Muscat Fenech, San Gwann;

3. Illi l-vettura ndikata fit-tahrikiet annessi mar-rikors **hija vettura li bil-kemm timxi** w effettivament tali vettura kellha wkoll tigi rmunkata minhabba l-hsarat li hija ghandha sakemm giet impoggija fil-garaxx tal-konsenjatarju;

4. Illi tali vettura u cioe DAN 122 u l-vettura BAB 677 jinstabu debtiament konservati fil-garaxx imsemmi u lanqas biss gew imcaqilqa minn hemmhekk u dan sa mill-bidu tal-ezekuzzjoni tal-mandat surriferit;

5. Illi l-esponenti kategorikament jichad li huwa saq jew anzi caqlaq l-imsemmija vetturi u dan huwa qieghed jikkkonfermah bil-gurament;

6. Illi 'n oltre, l-esponenti qieghed jaghmel il-verifiki tieghu rigward il-legalita u l-veracita tat-tahrikiet annessi mar-rikos stante li tali ma setghu qatt jigu mahruga minhabba dan il-kwadru ta' fatti;

7. Illi di piu, l-esponenti qieghed jirriserva d-dritt tieghu li jipprocedi kontra kull persuna li kienet involuta sabiex jinhargu t-tahrikiet annessi;

8. Illi l-esponenti ghandu wkoll informazzjoni li Kunsill partikolari indikat fit-tahrikiet annessi, m'ghandux peresenza ta' gwardjani lokali u huwa sorprendenti kif tali

tahrikiet gew mahruga fuq vettura li hija debitament konservata fil-kustodja tal-esponenti;

9. Illi l-esponenti senjatament jaghmel referenza ghas-subartikolu (3) tal-Artikolu 292, ikkwotat mir-rikorrenti konjugi Saliba u jirrileva li din l-Onorabbli Qorti ghandha tistabilixxi l-veracita tal-allegazzjonijiet avvanzati fir-rikors stante li tali allegazzjonijiet da parti tal-esponenti qeghdin jigi kategorikament michuda;

10. Ghaldaqstant in vista tal-premess, huwa inekwivokabilment car li t-talba kontenuta fir-rirkors tal-konjugi Saliba hija wahda intiza solitament sabiex tivvessa lil esponenti u l-kredikur mit-titolu ezekuttiv li huwa ghandu fil-konfront taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmienja (8) ta' Novembru 2007 xehed l-**Ispettur Carmelo Abdilla** (fol. 38) fejn stqarr li hu kien gie mitlub sabiex jinvestiga zewg vetturi DAN 122 u BAB 767 li kienu gew maqbuda mill-Qorti li suppost huma garaxxjati f'50, Triq Antonio Muscat Genech, San Gwann. Qal li rrizultalu li din t-triq ma tezistix. Qal li hu mar wkoll l-Kunsill Lokali ta' San Gwann w ikkonfermawlu li tali triq ma tezistix. Qal li ghalhekk hu ghamel l-verifiki tieghu mal-Kunsilll Lokali San Gwann u talabhom jew kienx hemm xi citazzjonijiet fuq dawn il-vetturi pendenti u dawn qalulu li skond l-*computer* taghhom ma kien hemm ebda kontravenzjoni pendenti.

Illi nhar l-hmistax (15) ta' Novembru 2007, xehed l-**Local Warden 409 Christopher Cutajar** (fol. 83) fejn qal li fit-tnejn w ghoxrin t'Awwissu 2007 hu kien hareg *ticket* fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAN 122 tal-ghamla Toyota Hi Ace ta' lewn abjad registrata f'isem Joseph Saliba u dan waqt li kienet ipparkjata fi Sqaq numru 1 Triq l-Qrendi. Qal li din il-vettura ma kellhiex l-licenzja mwahhla mal-*windscreen* u din il-vettura kellha *logo* mal-gemb 'Dan's Bakery' ta' kulaur ahmar u blu u fuq il-*computer* dawn d-dettalji ma jaghtuhulux w ghalhekk qal li

zgur kien rahom b'ghajnejh. Qal li l-*field officer* Local Warden 356 Vincent Schembri dakinhar kien mieghu u setgha jikkonferma dan filwaqt li Local Wardens 404 u 31 wkoll jistghu jghidu dak li qal hu. Qal li jaf li nhar t-tnejn ta' Settembru, kien hu wkoll li hareg t-*ticket*. Qal li kien cert li din il-vettura kienet ipparkjata fi Sqaq numru 1 Triq il-Qrendi u Triq Hal Far, Birzebbuga, Triq il-Convoy ta' Santa Marija, Triq l-Imqabba u l-ohra Triq Hal Far, Birzebbuga. Qal li kien cert minn dan. Ftakar fizikament, li kien fuq dan l-post. Meta gie mgharraf li din il-karozza ma kelliex *logo*, ix-xhud qal li dan mhux veru ghaliex fil-fatt ghandha 'Dan's Bakery' u wera lil qorti kif inhu fil-fatt dan t-timbru, qisu bi *frame*, 'Dan's Bakery' arkata u bil-kitba tahtha fuq iz-zewg nahat u fuq naha minnhom hija naqra mqatta. Qal li fil-maggor parti meta hu hareg dawn t-*tickets*, kien hemm l-*field officer* tieghu Local Warden 356. Qal li kien jaf li kien hemm *Local Wardens* ohra li rawh f'dawk il-granet kif ikkonferma maghhom u cioe Local Warden 404 u 31 u dan tal-ahhar kien rega' qallu li sa gimgha w nofs qabel kien rega' ra dan il-vann, w ghalhekk skond l-kollega tieghu dan il-vann ghadu jigri barra. Spjega li jekk idahhal numru hazin fil-*computer* dan ma jtellghax Toyota w ghalhekk ma jistax ikun li hemm zball f'dak li qal. Qal li kien rega' ccekkja li din il-vettura DAN 122 kienet tghajjat lil Joseph Saliba minn Triq l-Palma, Paola.

Illi nhar l-hmistax (15) ta' Novembru 2007, xehed l-**Local Warden 356 Vincent Schembri** (fol. 85) fejn qal li hu jigi l-*field officer* tal-Local Warden 409 Christopher Cutajar u gieli hadem fuq in-naha taz-Zurrieq fejn ikun dan l-Local Warden 409. Qal li l-vann in kwistjoni huwa Hi Ace abjad Toyota bil-*logo* 'Dan's Bakery' miktub fuqu blu l-ahmar. Qal li rah kemm il-darba barra fit-triq anzi regolari. Ix-xhud qal li ma setghax jikkonferma d-data meta jkun barra pero kien jaf li jkun barra regolarment ghax rah diversi drabi. Qal li anke recentement rah barra fit-triq u li f'dawn l-ahhar xahrejn rah zgur fi triq pubblika w anke rah kemm n-naha taz-Zurrieq kif wkoll l-Qrendi. Qal li l-Qrendi hemm zewg Local Wardens kemm fuq in-naha ta' barra fuq t-triq principali tal-Qrendi kif wkoll gewwa l-lokal.

Illi nhar l-hmistax (15) ta’ Novembru 2007, xehed **Joseph Saliba** (fol. 87) fejn qal li l-vann in kwistjoni ghandu kitba, *logo* u l-kitba fuqha huwa Joseph Saliba, Carmen Bakery, Triq il-Qroll, Zurrieq, liema kitba hija hamra filwaqt li l-vann hu abjad. Qal li l-*logo* mhux ‘Dan’s Bakery’. Qal li l-vann jimxi mhux kif intqal li ma jimxix u tant jimxi li hu jahdem bih b’mod regolari. Qal li l-ahhar li saqu kien xi tlett xhur ilu. Qal li naturalment, x’gara minnu dawk l-ahhar tlett xhur ma setghax jghid, la ma kienx qieghed ghandu.

Illi nhar l-hmistax (15) ta’ Novembru 2007, xehed **Leonard Seisun** (fol. 88) fejn qal li l-van n DAN 122 Toyota kienu haduh gewwa garaxx f’Hal Qormi u kien ikkonsenjah hu stess. Qal li sakemm haduh l-garaxx, kien waqaflu darbtejn fit-triq u kellhom jghinuh in-nies biex jimbuttawh. Qal li minn dakinhar ‘l hawn ma regghax hareg. Qal li dan sehh xi tlett xhur jew erbgha ilu. Ikkonferma li dan il-vann jinstab fil-garaxx u kien jittubita jekk jistartjax. Ikkonferma li tul dawn t-tlett xhur l-vann ma harigx minn dan il-vann. Mistoqsi jekk ghandux xi kitba fuq in-naha tal-gemb tieghu dan il-vann, wiegeb li ma kienx jaf u li ma kienx rega’ messu. Qal li l-indirizz lil Marixxal kien tahulu hu ghaliex kellu miktub fuq karta. Zied jghid li l-garaxx huwa mikri lil certu Charlie. Qal li pero l-ktieb tal-kera ma kienx gabu mieghu. Qal li hu jhallas kera mija u hamsin lira fis-sena u li kien segwa dan il-garaxx ghal sena.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta’ Novembru 2007, xehed l-**espert tekniku Joseph Zammit** (fol. 94) fejn qal li hu kien gie nominat b’digriet tal-Qorti tal-hmistax ta’ Novembru 20078 sabiex jattendi fil-garaxx tal-konsenjatarju Renault f’Hal Qormi sabiex jezamina vettura u cioe vann li jinsab b’forza ta’ Mandat tal-Qorti. Qal li ‘n segwitu hu kien mar f’dan il-garaxx u kien ezamina vann li kien muri lilu u anke kien gibed numru ta’ ritratti tieghu. Ix-xhud esibixxa r-relazzjoni tieghu a fol. 96 et seq.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta’ Novembru 2007, xehed l-**Local Warden 409 Christopher Cutajar** (fol. 110) fejn meta gie muri numru ta’ ritratti li kienu gew mehuda mill-espert tekniku qal li l-vann li kien qed jara f’dawn ir-ritratti ma kienx l-istess vann li hu tkellem fuqu u cioe li fuqu kien

hareg t-*tickets*. Ikkonferma li fuq il-vann li kien waqqaf hu, u kien ta *ticket* fuqu, hemm miktub 'Dan's Bakery' u kien ta' kulur blu bl-ahmar skur. Mistoqsi mill-Qorti jekk rax l-vann muri fir-ritratti esibiti, barra fit-triq recentement, wiegeb li ma kienx rah.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' Novembru 2007, xehed l-**Local Warden 31 Stephen Cassar** (fol. 111) fejn qal li hu *field officer* fid-distrett taz-Zurrieq u jahdem fuq *collisions*. Meta gie muri sett ta' ritratti ta' vettura tal-ghamla Toyota HI Ace bin-numru DAN 122, u mistoqsi jekk recentement rax din il-vettura fit-triq lejn z-Zurrieq, wiegeb li l-ahhar li ra dak l-vann kien ghal ahhar ta' Lulju. Qal li kienu ghamlu rapport biex imur ikellem lil Joseph Saliba fuq xi *pellets* li kellu barra li kien fuq il-post z-Zurrieq. Qal pero li minn dakinhar 'l hawn ma regghax rah. Ikkonferma li Joseph Saliba huwa l-konvenut f'din il-kawza. Qal li sussegwentement hu kien ra n-numru ta' registrazzjoni fuq vann iehor 'Dan's Bakery' blu bl-ahmar fit-triq. Qal li l-ahhar li ra dan bid-'Dan's Bakery', kien xi xahar u nofs qabel u min kien ma jafx ghaliex appena ra lil gwardjani, gibed lejn *sideway*.

Illi nhar s-sbatax (17) ta' Frar 2009, xehed l-**Ispettur Joseph Hersey** (fol. 126) fejn qal li l-file in kwistjoni gie ghandu f'Marzu 2008 u hu kien ta struzzjonijiet lil PS 1505 John Micallef Engerer biex jaghtih *update records* mill-ADT tal-vettura DAN 122. Qal li kien tah aktar struzzjonijiet sabiex jaghmel kuntatt mar-*registered owner* certu Joseph Saliba mir-Rahal Gdid u effettivament kien kellmu u spjegalu li l-vettura kienet garaxxjata f'50, Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi u li l-garaxx jappartjeni li certu George Xuereb. Zied jghid li George Xuereb skond l-*identity card* tieghu kien joqghod 30, Pjazza Patri Magri l-Marsa. Qal li waqt li kien qed jitkellem ma Joseph Saliba rrizultalu li l-vann DAN 122 qatt ma kellu *logo* ta' 'Dan's Bakery' fuqu izda kellu Joseph Saliba Carmen Bakery. Qal li Joseph Saliba kien qallu wkoll li kellu numru ta' citazzjonijiet pero dawn ma thallsux peress li l-vann huwa garaxxjat. Qal li kien hemm kawza ghaddejja l-Qorti fuqu. Qal li sussegwentement s-Surgent Engerer mar fuq dan l-indirizz f'Hal Qormi u sab l-garaxx in kwistjoni maghluq u

fil-fatt kien mar darbtejn u sabu maghluq darbtejn. Qal li l-istess Surgent kien mar fl-indirizz ta' George Xuereb fil-Marsa darbtejn u hadd ma kien fetahlu lanqas. Qal li s-Surgent Engerer kien qallu li *residence seems unoccupied* w ghalhekk hu qal lis-Surgent Engerer sabiex jaghmel *enquiry* nal-girien u dawn infurmawh li George Xuereb effettivament ma joqghodx hemm izda kien telaq u mar joqghod band'ohra. Qal li naturalment l-ispezzjoni tal-vettura ma setghetx issir peress li George Xuereb ma kienx istab w ghalhekk qal lis-Surgent sabiex jipprova jottjeni indirizz iehor ta' George Xuereb. Qal li skond r-*records* taghhom, kien ghadu l-Marsa. Spjega li hu kien qal lis-Surgent sabiex jghid lil Joseph Saliba imur ikellmu u nhar t-tmienja t'April 2008 kien mar mal-mara tieghu flimkien ma bintu. Qal li effettivament kien sar sekwestru fuq dan il-vann u meta rega' staqsih jekk qattx kellu xi *logo* ta' 'Dan's Bakery' fuqu, baqghu jghidu li le. Qal li l-mara ta' Joseph Saliba kienet baqghet tinsisti li l-vann kien insaq meta haduh u dan ghaliex kien hemm xi xnieha li l-vann kellu l-hsara u ma jinsaqx. Qal li hu ta struzzjonijiet sabiex jekk tinstab din il-vettura fit-triq, hu kellu jigi avzat pero qatt ma kellu xi kjamata f'dan is-sens. Qal li nel frattemp sabu xi *mobile number* ta' George Xuereb u dan kellu jmur ghandu fit-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2008 u ghal xi raguni, ma marx. Zied jghid li nel frattemp hu ta *handover* tal-*file* lil Ispettur Mario Tonna u dan baqa jinvestigah minn naha tieghu. Qal li kien sar jaf li kien mar xi espert tal-Qorti jaghmel spezzjoni fuq dan il-vann. Qal li hu kien baghat ghal Renald Seisun biex ikellmu, pero dan baqa ma marx ikellmu. Qal li hu m'ghamel ebda verifika biex jara 'Dan's Bakery' x'vetturi juza u l-investigazzjoni li ghamel kienet biss biex jara jekk l-vann intuzax jew intuzawx il-pjanci w ghalhekk kien investiga biss Joseph Saliba u meta ra r-rapport tal-espert Joseph Zammit, il-vann kien mimli rab u l-pjanci, wkoll ma setghax jassumi li effettivament beda jintuza dan il-vann.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin (22) t'April 2009, xehed l-**Ispettur Mario Tonna** (fol. 129) fejn qal li hu kien ghamel spezzjoni fiil-garaxx 50, Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi flimkien ma PC 857 u hemmhekk kien hemm wkoll Leonard Seisun u f'dan il-garaxx sabu vettura DAN 122

tal-ghamla Toyota, vettrua BAB 767 tal-ghamla Nissan. Qal li mill-ispezzjoni li ghamel rrizulta li dawn iz-zewg vetturi ilhom zmien ma jintuzaw u dawn kellhom n-numru originali fuqhom. Qal li rrizulta wkoll li l-bieb ta' dan l-istess garaxx kien ilu ma jintuza ghal certu zmien.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin (22) t'April 2009, xehdet **Georgina sive Gina Saliba** (fol. 131) fejn qalet li hi ma kienet taf b'xejn li zewgha fil-fatt kien issellef xi flus minghand George Xuereb. Qalet li pero taf li zewgha ghandu problema tal-loghob u li ilu biha. Qalet li lanqas ma taf ghaliex George Xuereb sellef xi flus lil zewgha ghax zewgha qatt ma qalilha xejn dwar l-fatt li ssellef xi flus. Qalet li zewgha qatt ma talabha tiffirma xi karti, xejn. Qalet li sussegwentement saret taf li George Xuereb kien sellef xi flus lil zewgha ghaliex kien jigbor xi flus minn negozju taghhom.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta bhala fatti li nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'April 2007 r-rikorrenti George Xuereb kien ipprezenta ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A fil-konfront tal-intimati Joseph u Giorgina Saliba fejn interpellah sabiex ihallsuh is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5000) rapprezentanti arrikament indebitu u fl-istess hin stqarr li l-ammont huwa certu dovut u likwidu. F'din l-ittra ufficcjali esebita a fol. 8 tal-atti jirrizulta li fil-parti ta' fuq taghha hemm indikat x'ghandhom ighamlu biha l-intimati una volta li jircevuha u cioe li jirrispondu ghall-istess permezz ta' nota t'opposizzjoni ghat-talba li ghandha tigi prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti li fiha jirrispingi t-talba u dan fi zmien tlettin jum mid-data tan-notifika lilhom.

Issa l-ahhar parti tas-sub artikolu (3) tal-Artikolu 166A ma jinsabx registrat f'din l-ittra ufficcjali, ghaliex la hemm imnizzel li din in-nota ta' opposizzjoni tista tigi ffirmata mid-debitur stess jew minn avukat jew prokuratur legali maghzul minnu u lanqas ma hemm imnizzel li f'nuqqas t'opposizzjoni registrata tali ittra ufficjali ser ikollha titolu ezekuttiv.

L-Artikolu 166A (3) jistipula li dan kollu ghandu jitnizzel fl-ittra taht piena ta' nullita.

In segwitu jirrizulta li r-rikorrenti hareg Mandat ta' Qbid numru 2113/07 ezekuttiv nhar l-ghaxra (10) t'Awwissu 2007 (fol. 1 tal-atti) fejn talab lill-intimati ihallsuh is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5000) oltre l-imghaxx ta' tmienja fil-mija (8%) u spejjez skond taxxa annessa.

Illi fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Settembru 2007 l-intimati ipprezentaw rikors fejn talbu r-revoka ta' dan l-istess Mandat ta' Qbid numru 2113/07 u dan ghaliex fil-fehma taghhom, ma gewx osservati d-disposizzjonijiet tal-ligi.

Illi r-rikorrenti pprezentaw ir-risposta taghhom nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2007 b'opposizzjoni ghal dak li kien stqarr ir-rikorrenti u l-Qorti kienet cahdet it-talba rikorrenti.

Illi 'n segwitu l-intimati pprezentaw rikors iehor nhar il-hmistax (15) t'Ottubru 2007 fejn talbu li r-rikors promotur tar-rikorrenti George Xuereb jigi rikjamat w appunata u sabiex jigi dispost skond id-disposizjonijiet tal-Artikolu 283A tal-Kap 12.

In oltre, fil-mori tal-kawza, l-intimati wkoll ipprezentaw rikors fejn allegaw li l-vettura maqbuda bil-Mandat fuq imsemmi 2113/07 li suppost qieghda ghand il-kunsinnatarju Leonard Seisun, fil-fatt mhiex qed tigi hekk mizmuma w ghalhekk il-Qorti semghet ukoll provi f'dan ir-rigward.

Illi ghalhekk, il-pern tal-kwistjoni hi, jekk l-procedura adoperata mir-rikorrenti George Xuereb hiex wahda tajba u skond il-ligi jew le.

Jirrizulta bla tlaqliq li l-ittra ufficcjali prezentata minnu nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2007 ma segwitx dak li tghid il-ligi fis-sub artikolu (3) tal-Artikolu 166A u dan ghaliex m'ghandhiex ir-rekwisiti rikjesti mill-ligi *ad validitatem* w ghalhekk tali att huwa null.

In segwitu ghalhekk il-Mandat ta' Qbid numru 2113/07 fl-ismijiet 'George Xuereb vs Joseph u Giorgina sive Gina Saliba' li segwa l-ittra ufficcjali li kienet monka, hija wkoll irritwa u dan a bazi tal-principju kardinali li '*nullum est nullum producuit*".

Konsegwentement, peress li din il-Qorti qed tiddikjara li l-att konsistenti fl-ittra ufficcjali mahruga ai termini tal-artikolu 166A nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2007 huwa null u bla effett, isegwi li l-Mandat ta' Qbid fuq imsemmi, huwa wkoll null.

Il-Qorti ghalhekk ma thossx li ghandha ghalfejn titratta l-kwistjoni solevata mill-intimati li l-Mandat gie esegwit fuq magna li taghmel l-ghagina tal-hobz u lanqas ma thoss li ghandha ghalfejn titratta l-kwistjoni sollevata mill-kunsinnatarju dwar jekk il-vettura maqbuda mir-rikorrenti, hiex qed tinzamm skond il-ligi u dan stante li l-att promotur huwa null w ghalhekk l-efett tieghu huwa wkoll null u konsegwentement ma setghax jigi pprezentat Mandat ta' Qbid a bazi tieghu.

**Konsegwentement tiddikjara li l-ittra ufficcjali li pprezenta George Xuereb, hija nulla u bla effett w ghalhekk il-Mandat ta' Qbid ibbazat fuqha numru 2113/2007 huwa wkoll null u bla effett w ghalhekk tordna li l-affarijiet maqbuda permezz ta' dan l-att, jigu rilaxxjati mmedjatament.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------